MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-12 ta' Gunju, 2014

Rikors Numru. 84/2014

**AB**

**-vs-**

**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors tar-rikorrenti li *in forza* tieghu, wara li ppremettiet :

1. Illi l-kontendenti zzewgu fis-27 ta’ Ottubru, 1985;

2. Illi l-kontendenti sseparaw permezz ta’ sentenza moghtija mill-Qorti Civili Sezzjoni Familja moghtija fis-27 ta’ April 2006 fl-ismijiet : X vs Y (Citazzjoni numru 311/04 NC) (Dok. A);
3. Illi l-kontendenti ilhom ferm aktar minn erba’ snin separati de facto u legalment, u ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-kontendenti;
4. Illi bejn il-kontendenti m’hemmx kwistjonijiet pendenti dwar manteniment;
5. Illi ghalhekk ai termini tal-Att XIV tal-2011, l-esponenti tixtieq titlob id-divorzju u/jew hall taz-zwieg minn zewgha l-intimat;

Talbet sabiex l-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex :

1. Tiddikjara d-divorzju u/jew il-hall taz-zwieg ikkuntrattat bejn il-kontendenti fis-27 ta’ Ottubru, 1985;
2. Tordna li l-esponenti zzomm il-kunjom “Brockwell”;
3. Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku biex jirregistra d-divorzju u/jew il-hall taz-zwieg fir-Registru Pubbliku;

Bl-ispejjez kontra l-intimat;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-1 ta’ April, 2014;

Rat l-affidavit bix-xhieda tar-rikorrenti;

Semghet lill-partijiet jixhdu bil-gurament tieghu;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mis-27 ta' April 2006;

Illi ir-rikorrenti ippruvat illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet tawtorizza lir-rikorrenti sabiex izzomm il-kunjom Brockwell u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------